Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 28 ta' Settembru 2023**
**(OR. en)**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2023/0337(NLE)**

**13532/23**
**ADD 5**

**ACP 87**
**WTO 143**
**COAFR 323**
**RELEX 1100**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 28 ta' Settembru 2023 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2023) 559 final - ANNEX 5 |
| Suġġett: | ANNESS tal-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn ir-Repubblika tal-Kenja, Membru tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea min-naħa l-oħra |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 559 final - ANNEX 5.

---

Mehmuż: COM(2023) 559 final - ANNEX 5

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.9.2023
COM(2023) 559 final

ANNEX 5

**ANNESS**

***tal-***

**Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill**

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn ir-Repubblika tal-Kenja, Membru tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea min-naħa l-oħra**

**ANNESS V**

KUMMERĊ U ŻVILUPP SOSTENIBBLI

ARTIKOLU 1

Kuntest u Għanijiet

1. Il-Partijiet ifakkru fl-Aġenda 21 u fid-Dikjarazzjoni ta' Rio dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp adottati fil-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp, li saret f'Rio de Janeiro mit-3 sal-14 ta' Ġunju 1992, il-Pjan ta' Implimentazzjoni ta' Johannesburg tas-Summit Dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli tal-2002, id-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Ġustizzja Soċjali għal Globalizzazzjoni Ġusta, adottata mill-Konferenza Internazzjonali dwar ix-Xogħol fis-97 Sessjoni tagħha, li saret f'Ġinevra fl-10 ta' Ġunju 2008, (id-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar Soċjali u Ġustizzja għal Globalizzazzjoni Ġusta), id-Dokument ta' Eżitu tal-Konferenza tan-NU dwar l-Iżvilupp Sostenibbli tal-2012 intitolat "Il-Futur li Rridu" approvat mir-Riżoluzzjoni 66/288 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU adottata fis-27 ta' Lulju 2012, ir-Riżoluzzjoni 70/1 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU adottata fil-25 ta' Settembru 2015 li fiha d-Dokument ta' Eżitu intitolat "Nittrasformaw id-dinja tagħna: l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u s-17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli" (Aġenda 2030), u d-Dikjarazzjoni taċ-Ċentinarja tal-ILO għall-Futur tax-Xogħol, adottata mill-Konferenza Internazzjonali dwar ix-Xogħol fil-108 Sessjoni tagħha li saret f'Ġinevra fil-21 ta' Ġunju 2019.

2. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-iżvilupp sostenibbli jinkludi l-iżvilupp ekonomiku, l-iżvilupp soċjali u l-ħarsien tal-ambjent, filwaqt li t-tlieta huma interdipendenti u jsaħħu lil xulxin u jaffermaw l-impenn tagħhom li jippromwovu l-iżvilupp tal-kummerċ u tal-investiment internazzjonali b'mod li jikkontribwixxi għall-objettiv ta' żvilupp sostenibbli.

3. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-ħtieġa urġenti li jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima, kif deskritt mill-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (Intergovernmental Panel on Climate Change, IPCC) fir-rapport speċjali tiegħu intitolat "Tisħin Globali ta' 1.5°C", bħala kontribut għall-objettivi ekonomiċi, soċjali u ambjentali tal-iżvilupp sostenibbli.

4. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, l-objettiv ta' dan l-Anness huwa li jtejjeb l-integrazzjoni tal-iżvilupp sostenibbli, b'mod partikolari d-dimensjonijiet tax-xogħol[1] u ambjentali tiegħu, fir-relazzjoni kummerċjali u ta' investiment tal-Partijiet, inkluż permezz tat-tisħiħ tad-djalogu u l-kooperazzjoni.

ARTIKOLU 2

Dritt ta' Regolamentazzjoni u Livelli ta' Protezzjoni

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu d-dritt ta' kull Parti li tiddetermina l-politiki u l-prijoritajiet ta' żvilupp sostenibbli tagħha, li tistabbilixxi l-livelli ta' protezzjoni ambjentali u tax-xogħol domestiċi li tqis xierqa u li tadotta jew timmodifika l-liġi u l-politiki rilevanti tagħha. Tali livelli, liġi u politiki għandhom ikunu konsistenti mal-impenn ta' kull Parti għall-ftehimiet u għall-istandards rikonoxxuti internazzjonalment imsemmijin f'dan l-Anness.

2. Kull Parti għandha tagħmel ħilitha sabiex tiżgura li l-liġi u l-politiki rilevanti tagħha jipprevedu u jħeġġu livelli għoljin ta' ħarsien tal-ambjent u ta' protezzjoni tal-ħaddiema, u għandha tagħmel ħilitha sabiex ittejjeb dawn il-livelli, il-liġi u l-politiki.

[1] Għall-finijiet ta' dan l-Anness, it-terminu "xogħol" ifisser l-objettivi strateġiċi tal-ILO skont l-Aġenda tax-Xogħol Deċenti, li hija espressa fid-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Ġustizzja Soċjali għal Globalizzazzjoni Ġusta.

3. Parti ma għandhiex iddgħajjef jew tnaqqas il-livelli ta' protezzjoni mogħtija fil-liġi tagħha dwar l-ambjent jew ix-xogħol bl-intenzjoni li tħeġġeġ il-kummerċ jew l-investiment.

4. Parti ma għandhiex tirrinunzja jew tidderoga b'xi mod ieħor mil-liġi tagħha dwar l-ambjent jew ix-xogħol, jew toffri li tirrinunzja jew b'xi mod ieħor tidderoga minnha, bl-intenzjoni li tħeġġeġ il-kummerċ jew l-investiment.

5. Parti ma għandhiex, permezz ta' azzjoni sostnuta jew rikorrenti jew nuqqas ta' azzjoni, tonqos milli tinforza b'mod effettiv il-liġi ambjentali jew tax-xogħol tagħha bl-intenzjoni li tħeġġeġ il-kummerċ jew l-investiment.

6. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-politiki u l-prijoritajiet ta' żvilupp ta' xulxin fir-rigward tal-aspirazzjonijiet kummerċjali u ta' investiment tagħhom f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' Trattament Speċjali u Differenzjali skont il-Ftehim tad-WTO u konsistenti mal-impenji ta' kull Parti lejn l-istandards u l-ftehimiet rikonoxxuti internazzjonalment skont dan l-Anness.

ARTIKOLU 3

Standards u Ftehimiet Multilaterali tax-Xogħol

1. Il-Partijiet jaffermaw l-impenn tagħhom li jippromwovu l-iżvilupp tal-kummerċ internazzjonali b'mod li jwassal għal xogħol deċenti għal kulħadd, kif espress fid-Dikjarazzjoni ILO dwar il-Ġustizzja Soċjali għal Globalizzazzjoni Ġusta.

2. F'konformità mal-Kostituzzjoni tal-ILO, adottata bħala l-Parti XIII tat-Trattat ta' Versailles, iffirmat fit-28 ta' Ġunju 1919, u d-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol u s-Segwitu tagħha, adottata mill-Konferenza Internazzjonali dwar ix-Xogħol fis-86 Sessjoni tagħha f'Ġinevra fit-18 ta' Ġunju 1998 (id-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol) u kif emendata fil-110 Sessjoni tagħha fl-2022, kull Parti għandha tirrispetta, tippromwovi u twettaq il-prinċipji li jikkonċernaw id-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol, kif definiti fil-Konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO, jiġifieri:

(a) il-libertà ta' assoċjazzjoni u r-rikonoxximent effettiv tad-dritt għan-negozjar kollettiv;

(b) l-eliminazzjoni ta' kull forma ta' xogħol furzat jew obbligatorju[1];

(c) l-abolizzjoni effettiva tat-tħaddim tat-tfal;

(d) l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni fir-rigward tal-impjiegi u tal-okkupazzjoni; kif ukoll

(e) ambjent tax-xogħol sikur u tajjeb għas-saħħa.

3. Kull Parti għandha tagħmel sforzi kostanti u sostnuti sabiex tirratifika l-Konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO jekk ma tkunx għadha rratifikathom.

4. Il-Partijiet għandhom perjodikament jiskambjaw informazzjoni dwar is-sitwazzjonijiet u l-avvanzi rispettivi tagħhom fir-rigward tar-ratifika tal-Konvenzjonijiet tal-ILO jew tal-protokolli kklassifikati bħala aġġornati mill-ILO.

---

1 F'dan il-kuntest, il-Partijiet jissottolinjaw l-importanza tar-ratifika tal-Protokoll tal-2014 għall-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Furzat, adottat mill-Konferenza Ġenerali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol fil-103 sessjoni tagħha tal-ILC f'Ġinevra fil-11 ta' Ġunju 2014.

5. Kull Parti għandha timplimenta b'mod effettiv il-Konvenzjonijiet rispettivi tal-ILO li l-Istat bi Sħab tal-EAC u l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jkunu rratifikaw.

6. Filwaqt li jfakkru d-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Ġustizzja Soċjali għal Globalizzazzjoni Ġusta, il-Partijiet jinnotaw li l-ksur tal-prinċipji u tad-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol ma jistax jiġi invokat jew inkella jintuża bħala vantaġġ komparattiv leġittimu u li jenħtieġ li l-istandards tax-xogħol ma jintużawx għal skopijiet kummerċjali protezzjonisti.

7. Permezz tal-liġi u l-prattiki tagħha, kull Parti għandha tippromwovi l-Aġenda tax-Xogħol Deċenti tal-ILO kif stabbilita fid-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Ġustizzja Soċjali għal Globalizzazzjoni Ġusta, b'mod partikolari fir-rigward ta':

(a) kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti għal kulħadd, fir-rigward, fost l-oħrajn, tal-pagi u tal-qligħ, tal-ħinijiet tax-xogħol, it-tisħiħ tas-sigurtà soċjali, ta' kundizzjonijiet oħrajn tax-xogħol u tal-protezzjoni soċjali;

(b) djalogu soċjali dwar kwistjonijiet ta' xogħol fost il-ħaddiema u l-impjegaturi u l-organizzazzjonijiet rispettivi tagħhom, u mal-awtoritajiet governattivi rilevanti.

8. B'mod konsistenti mal-impenji tagħha skont l-ILO, kull Parti għandha:

(a) tadotta u timplimenta miżuri u politiki dwar it-termini u l-kundizzjonijiet tal-impjieg, is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, inkluż kumpens f'każ ta' korriment jew ta' mard okkupazzjonali;

(b) iżżomm sistema effettiva ta' spezzjoni tax-xogħol.

9. Il-Partijiet għandhom jaħdmu flimkien sabiex isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom dwar aspetti relatati mal-kummerċ tal-politiki u l-miżuri tax-xogħol, bilateralment, reġjonalment u f'fora internazzjonali kif xieraq, inkluż fi ħdan l-ILO. Tali kooperazzjoni tista' tkopri fost l-oħrajn:

(a) l-implimentazzjoni ta' Konvenzjonijiet fundamentali, ta' prijorità u oħrajn aġġornati tal-ILO;

(b) ix-xogħol deċenti, inklużi dwar l-interkonnessjonijiet bejn il-kummerċ u l-impjieg sħiħ u produttiv, l-aġġustament tas-suq tax-xogħol, l-istandards fundamentali tax-xogħol, ix-xogħol deċenti fil-ktajjen tal-provvista globali, il-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali, id-djalogu soċjali u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri;

(c) l-impatt tal-liġi u tal-istandards tax-xogħol fuq il-kummerċ u fuq l-investiment, u l-impatt tal-liġi dwar il-kummerċ u l-investiment fuq ix-xogħol.

10. Il-Partijiet għandhom iqisu kif xieraq il-fehmiet ipprovduti mir-rappreżentanti tal-ħaddiema, tal-impjegaturi u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili meta jidentifikaw oqsma ta' kooperazzjoni u meta jwettqu attivitajiet ta' kooperazzjoni.

ARTIKOLU 4

Kummerċ u Ugwaljanza bejn il-Ġeneri

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-politiki kummerċjali inklużivi jikkontribwixxu għall-avvanz tat-tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, f'konformità mal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 5 tal-Aġenda 2030 u l-objettivi tad-Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-Kummerċ u t-Tisħiħ tal-Pożizzjoni Ekonomika tan-Nisa dwar l-Okkażjoni tal-Konferenza Ministerjali tad-WTO li saret f'Buenos Aires f'Diċembru 2017. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-kontribut importanti tan-nisa għat-tkabbir ekonomiku permezz tal-parteċipazzjoni tagħhom fl-attività ekonomika, inkluż il-kummerċ internazzjonali. Il-Partijiet jimpenjaw ruħhom li jimplimentaw id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim b'mod li jippromwovi u jsaħħaħ l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

2. Il-Partijiet għandhom l-għan li jsaħħu r-relazzjonijiet kummerċjali u l-kooperazzjoni tagħhom b'modi li jipprovdu b'mod effettiv opportunitajiet u trattament indaqs għan-nisa u l-irġiel biex jibbenefikaw mid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, inkluż fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol, f'konformità mal-impenji internazzjonali tagħhom.

3. Kull Parti għandha timplimenta b'mod effettiv l-obbligi tagħha skont ftehimiet internazzjonali li jindirizzaw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tan-nisa li għalihom hija parti, inkluża l-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fit-18 ta' Diċembru 1979, filwaqt li tinnota b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tagħha relatati mal-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni kontra n-nisa fil-ħajja ekonomika u fil-qasam tal-impjiegi. F'dan ir-rigward, il-Partijiet itennu l-impenji rispettivi tagħhom skont l-Artikolu 3 ta' dan l-Anness inkluż rigward l-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjonijiet tal-ILO relatati mal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni fir-rigward tal-impjiegi u x-xogħol.

4. Kull Parti għandha tagħmel ħilitha biex tiżgura li l-liġi u l-politiki rilevanti tagħha jipprevedu, u jinkoraġġixxu, drittijiet, trattament u opportunitajiet ugwali bejn l-irġiel u n-nisa. Kull Parti għandha tagħmel ħilitha biex ittejjeb tali liġi u politiki, mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' kull Parti li tistabbilixxi l-kamp ta' applikazzjoni u l-livelli ta' protezzjoni tagħha stess għal opportunitajiet indaqs għall-irġiel u n-nisa. Tali liġi u politiki għandhom ikunu konsistenti mal-impenji ta' kull Parti lejn l-istandards u l-ftehimiet rikonoxxuti internazzjonalment imsemmija f'dan l-Artikolu.

5. Il-Partijiet itennu l-impenji tagħhom skont l-Artikolu 2 ta' dan l-Anness fir-rigward tal-liġi rispettiva tagħhom li għandha l-għan li tiżgura l-ugwaljanza bejn il-ġeneri jew l-opportunitajiet indaqs għan-nisa u l-irġiel.

6. Il-Partijiet għandhom jaħdmu flimkien b'mod bilaterali jew f'fora rilevanti oħra kif xieraq biex isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom dwar aspetti relatati mal-kummerċ tal-politiki u l-miżuri tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inklużi attivitajiet imfassla biex itejbu l-kapaċità u l-kundizzjonijiet għan-nisa, inklużi l-ħaddiema, in-nisa fin-negozju u l-intraprendituri, biex jaċċessaw u jibbenefikaw mill-opportunitajiet maħluqa minn dan il-Ftehim. Tali kooperazzjoni tista' tkopri fost l-oħrajn l-iskambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki relatati mal-ġbir ta' *data* diżaggregata skont il-ġeneru u analiżi bbażata fuq il-ġeneru tal-politiki kummerċjali.

7. Il-Partijiet jaqblu dwar l-importanza tal-monitoraġġ u l-valutazzjoni, f'konformità mal-proċeduri domestiċi tagħhom, tal-impatt tal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-opportunitajiet indaqs ipprovduti għan-nisa fir-rigward tal-kummerċ.

ARTIKOLU 5

Governanza u Ftehimiet Ambjentali Multilaterali

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-governanza ambjentali internazzjonali, b'mod partikolari r-rwol tal-Assemblea tan-NU għall-Ambjent (UN Environment Assembly, UNEA) tal-Programm tan-NU għall-Ambjent (UN Environment Programme, UNEP), kif ukoll il-ftehimiet ambjentali multilaterali (multilateral environmental agreements, MEAs) bħala rispons tal-komunità internazzjonali għall-isfidi ambjentali globali jew reġjonali u jenfasizzaw il-ħtieġa li jissaħħaħ l-appoġġ reċiproku bejn il-politiki, ir-regoli u l-miżuri kummerċjali u ambjentali.

2. Fid-dawl tal-paragrafu 1, kull Parti għandha timplimenta b'mod effettiv l-MEAs, il-protokolli u l-emendi li tkun irratifikat.

3. Il-Partijiet għandhom perjodikament jiskambjaw informazzjoni dwar is-sitwazzjonijiet rispettivi tagħhom fir-rigward tar-ratifiki tal-MEAs, inklużi l-protokolli u l-emendi tagħhom.

4. Il-Partijiet jaffermaw id-dritt ta' kull Parti li tadotta jew iżżomm miżuri sabiex tippromwovi l-objettivi tal-MEAs li għalihom hija parti. Il-Partijiet ifakkru li l-miżuri adottati jew infurzati għall-implimentazzjoni ta' tali MEAs jistgħu jiġu ġġustifikati skont il-Parti VIII ta' dan il-Ftehim.

5. Il-Partijiet għandhom jaħdmu flimkien sabiex isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom dwar aspetti relatati mal-kummerċ ta' politiki u miżuri ambjentali, bilateralment, reġjonalment u f'fora internazzjonali, kif xieraq, inkluż fil-Forum Politiku ta' Livell Għoli tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-UNEP, l-UNEA, il-MEAs, u d-WTO. Tali kooperazzjoni tista' tkopri fost l-oħrajn:

(a) politiki u miżuri li jippromwovu l-appoġġ reċiproku tal-kummerċ u tal-ambjent inklużi:

– il-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar politiki u prattiki u promozzjoni ta' inizjattivi biex titħeġġeġ il-bidla għal ekonomija ċirkolari;

– il-promozzjoni ta' inizjattivi dwar il-produzzjoni u l-konsum sostenibbli, it-tkabbir ekoloġiku u t-tnaqqis tat-tniġġis;

– l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-politiki u l-prattiki, u l-promozzjoni ta' pożizzjonijiet komuni, fil-qafas tal-MEAs.

(b) inizjattivi sabiex iħeġġu l-kummerċ u l-investiment f'oġġetti u f'servizzi ambjentali, inkluż billi jindirizzaw ostakli tariffarji u mhux tariffarji relatati;

(c) l-impatt tad-dritt dwar l-ambjent u l-istandards ambjentali fuq il-kummerċ u l-investiment; jew l-impatt tad-dritt dwar il-kummerċ u l-investiment fuq l-ambjent;

(d) aspetti oħra relatati mal-kummerċ tal-MEAs, inklużi l-protokolli, l-emendi u l-implimentazzjoni tagħhom.

6. Il-Partijiet se jagħtu l-kunsiderazzjoni dovuta, kif xieraq, lill-fehmiet jew il-kontribut mill-pubbliku rilevanti u l-partijiet ikkonċernati interessati għad-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' kooperazzjoni tagħhom, u jistgħu jinvolvu aktar tali partijiet ikkonċernati f'dawk l-attivitajiet, kif xieraq.

ARTIKOLU 6

Kummerċ u Tibdil fil-Klima

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza li tittieħed azzjoni urġenti biex jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima u l-impatti tiegħu, u r-rwol tal-kummerċ biex jintlaħaq dan l-objettiv, b'mod konsistenti mal-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima li saret f'New York fid-9 ta' Mejju 1992 (UN Framework Convention on Climate Change, UNFCCC), il-Ftehim ta' Pariġi skont l-UNFCCC, magħmul f'Pariġi fit-12 ta' Diċembru 2015 (il-Ftehim ta' Pariġi), u ma' MEAs u strumenti multilaterali oħra fil-qasam tat-tibdil fil-klima.

2. Fid-dawl tal-paragrafu 1, kull Parti għandha timplimenta b'mod effettiv il-UNFCCC u l-Ftehim ta' Pariġi.

3. L-impenn biex il-Ftehim ta' Pariġi jiġi implimentat b'mod effettiv skont il-paragrafu 2 jinkludi l-obbligu li wieħed joqgħod lura minn kull azzjoni jew ommissjoni li materjalment tegħleb l-objettiv u l-fini tal-Ftehim ta' Pariġi.

4. Parti tista' tieħu miżuri xierqa relatati ma' dan il-Ftehim fil-każ ta' ksur tal-obbligu skont il-paragrafu 3. Għandhom jittieħdu miżuri xierqa f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Cotonou jew id-dispożizzjonijiet korrispondenti tal-ftehim suċċessur tiegħu, kif previst fl-Artikolu 136.3 ta' dan il-Ftehim.

5. Fid-dawl tal-paragrafu 1, kull Parti għandha:

(a) tippromwovi l-appoġġ reċiproku tal-politiki u l-miżuri kummerċjali u klimatiċi u b'hekk tikkontribwixxi għat-tranżizzjoni lejn *ekonomija b'emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra*, għal ekonomija effiċjenti fir-riżorsi u ċirkolari, u għal żvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima;

(b) tiffaċilita t-tneħħija ta' ostakli għall-kummerċ u l-investiment fi prodotti u servizzi ta' rilevanza partikolari għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, bħall-enerġija rinnovabbli u prodotti u servizzi effiċjenti fl-użu tal-enerġija;

6. Il-Partijiet għandhom jaħdmu flimkien biex isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom dwar aspetti relatati mal-kummerċ tal-politiki u l-miżuri dwar it-tibdil fil-klima b'mod bilaterali, reġjonali u f'fora internazzjonali, kif xieraq, inkluż skont il-UNFCCC, il-Ftehim ta' Pariġi, il-Protokoll ta' Montreal dwar Sustanzi li Jnaqqsu s-Saff tal-Ożonu konkluż f'Montreal fis-16 ta' Settembru 1987 (il-Protokoll ta' Montreal) u fid-WTO u fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI). Tali kooperazzjoni tista' tkopri fost l-oħrajn:

(a) djalogu ta' politika u kooperazzjoni rigward l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi, bħal dwar mezzi għall-promozzjoni tar-reżiljenza għall-klima, l-enerġija rinnovabbli, it-teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, l-effiċjenza enerġetika, it-tħejjija u l-adozzjoni ta' azzjoni tal-ipprezzar tal-karbonju inklużi Sistemi għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, it-trasport sostenibbli, l-iżvilupp ta' infrastruttura sostenibbli u reżiljenti għat-tibdil fil-klima u l-monitoraġġ tal-emissjonijiet;

(b) l-appoġġ għall-iżvilupp u għall-adozzjoni ta' miżuri ambizzjużi u effettivi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-IMO li għandhom jiġu implimentati minn vapuri involuti fil-kummerċ internazzjonali;

(c) l-appoġġ għal eliminazzjoni gradwali ambizzjuża ta' sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu (ozone depleting substances, ODS) u t-tnaqqis gradwali tal-idrofluworokarburi (hydrofluorocarbons, HFCs) skont il-Protokoll ta' Montreal permezz ta' miżuri biex jiġu kkontrollati l-produzzjoni, il-konsum u l-kummerċ tagħhom, l-introduzzjoni ta' alternattivi li jirrispettaw l-ambjent għall-ODS u l-HFCs; l-aġġornament ta' standards ta' sikurezza u standards rilevanti oħra kif ukoll billi jiġi miġġieled il-kummerċ illegali ta' sustanzi regolati mill-Protokoll ta' Montreal.

ARTIKOLU 7

Kummerċ u Diversità Bijoloġika

1. Il-Partijiet jagħrfu l-importanza tal-konservazzjoni u tal-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika u tar-rwol tal-kummerċ fl-ilħuq ta' dawn l-objettivi, b'mod konsistenti mal-MEAs rilevanti li għalihom huma parti, inklużi l-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, li saret f'Rio de Janeiro fil-5 ta' Ġunju 1992 (KDB) u l-protokolli tagħha, il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu, magħmula f'Washington D.C. fit-3 ta' Marzu 1973 (CITES), u d-deċiżjonijiet adottati taħtha.

2. Fid-dawl tal-paragrafu 1, kull Parti għandha:

(a) timplimenta miżuri effettivi sabiex tiġġieled kontra l-kummerċ illegali ta' organiżmi selvaġġi, inkluż fir-rigward ta' pajjiżi terzi, kif xieraq;

(b) tippromwovi l-konservazzjoni u l-użu sostenibbli fit-tul tal-ispeċijiet elenkati fis-CITES u l-inklużjoni ta' speċijiet ta' annimali u pjanti fl-Appendiċijiet tas-CITES fejn l-istatus ta' konservazzjoni ta' dik l-ispeċi jitqies f'riskju minħabba l-kummerċ internazzjonali, kif ukoll it-twettiq ta' rieżamijiet perjodiċi, li jistgħu jirriżultaw f'rakkomandazzjoni biex jiġu emendati l-Appendiċijiet tas-CITES, sabiex jiġi żgurat li dawn jirriflettu kif xieraq il-ħtiġijiet ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet mhedda mill-kummerċ internazzjonali;

(c) tippromwovi l-kummerċ fi prodotti derivati minn użu sostenibbli ta' riżorsi bijoloġiċi sabiex jikkontribwixxi għall-konservazzjoni tal-bijodiversità;

(d) jippromwovu l-kondiviżjoni ġusta u ekwa tal-benefiċċji li jirriżultaw mill-użu tar-riżorsi ġenetiċi u l-għarfien tradizzjonali assoċjat mar-riżorsi ġenetiċi, f'konformità mal-Protokoll ta' Nagoya għas-CBD, magħmul f'Nagoya fid-29 ta' Ottubru 2010 (il-Protokoll ta' Nagoya);

(e) tieħu miżuri għall-konservazzjoni tad-diversità bijoloġika meta tkun soġġetta għal pressjonijiet marbutin mal-kummerċ u mal-investiment, b'mod partikolari għall-prevenzjoni tat-tixrid ta' żoonożi u speċijiet aljeni invażivi.

3. Il-Partijiet għandhom jaħdmu flimkien biex isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom dwar aspetti relatati mal-kummerċ tal-politiki u l-miżuri tal-bijodiversità bilateralment, reġjonalment u f'fora internazzjonali, kif xieraq, inkluż taħt is-CBD u s-CITES. Tali kooperazzjoni tista' tkopri fost l-oħrajn:

(a) inizjattivi u prattiki tajbin dwar il-kummerċ fi prodotti u f'servizzi derivati mill-użu sostenibbli ta' riżorsi bijoloġiċi bl-għan ta' konservazzjoni tad-diversità bijoloġika;

(b) il-kummerċ responsabbli u l-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika, inkluż l-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' metodi ta' kontabbiltà tal-kapital naturali u tal-ekosistemi, il-valutazzjoni tal-ekosistemi u s-servizzi tagħhom u strumenti ekonomiċi relatati, u l-integrazzjoni tal-bijodiversità fil-proċessi tal-kummerċ u l-kummerċ;

(c) il-ġlieda kontra l-kummerċ illegali ta' organiżmi selvaġġi, inkluż permezz ta' inizjattivi biex titnaqqas id-domanda għal prodotti illegali ta' organiżmi selvaġġi u inizjattivi biex jissaħħu l-kondiviżjoni u l-kooperazzjoni tal-informazzjoni, l-infurzar tal-liġi, it-trasferiment teknoloġiku volontarju, il-programmi ta' skambju u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet;

(d) l-aċċess għar-riżorsi ġenetiċi kif ukoll il-kondiviżjoni ġusta u ekwa tal-benefiċċji mill-użu tagħhom konsistenti mal-Protokoll ta' Nagoya.

ARTIKOLU 8

Kummerċ u Foresti

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-konservazzjoni u tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti sabiex jipprovdu funzjonijiet ambjentali u opportunitajiet ekonomiċi u soċjali għall-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri, u r-rwol tal-kummerċ fil-kisba ta' dan l-objettiv.

2. Fid-dawl tal-paragrafu 1, kull Parti għandha:

(a) timplimenta miżuri għall-ġlieda kontra l-qtugħ illegali tas-siġar u l-kummerċ relatat, inkluż fir-rigward ta' pajjiżi terzi, kif xieraq, u tippromwovi l-kummerċ fi prodotti tal-foresti maħsuda b'mod legali;

(b) tippromwovi l-konservazzjoni u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti u tal-kummerċ u tal-konsum tal-injam u tal-prodotti tal-injam maħsud f'konformità mal-liġi tal-pajjiż tal-ħsad u minn foresti ġestiti b'mod sostenibbli;

(c) tiskambja informazzjoni mal-Parti l-oħra dwar inizjattivi relatati mal-kummerċ rigward il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, il-konservazzjoni tal-foresti, il-governanza tal-foresti, l-inizjattivi mfassla biex jiġġieldu l-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam, u politiki rilevanti oħra ta' interess reċiproku u jikkooperaw biex jimmassimizzaw l-impatt u l-appoġġ reċiproku tal-politiki rispettivi tagħhom ta' interess reċiproku.

3. Filwaqt li jirrikonoxxu li d-deforestazzjoni hija xprunatur ewlieni tat-tisħin globali u tat-telf tal-bijodiversità, il-Partijiet għandhom jiskambjaw l-għarfien u l-esperjenza dwar modi kif jinkoraġġixxu l-konsum u l-kummerċ fi prodotti minn ktajjen tal-provvista mingħajr deforestazzjoni, filwaqt li jimminimizzaw ir-riskju li l-prodotti assoċjati mad-deforestazzjoni jew mad-degradazzjoni tal-foresti jitqiegħdu fis-swieq tagħhom.

4. Il-Partijiet għandhom jaħdmu flimkien biex isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom dwar aspetti relatati mal-kummerċ tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, itejbu l-konservazzjoni tal-foresti, jimminimizzaw il-forom kollha ta' deforestazzjoni u degradazzjoni tal-foresti, itejbu t-traċċabbiltà u l-katina tal-kustodja tal-prodotti tal-foresti, jippromwovu inizjattivi biex itejbu l-kondiviżjoni tal-informazzjoni, jiġġieldu l-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam u jsaħħu r-rwol tal-foresti fil-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, fil-ġlieda kontra t-telf tal-bijodiversità u fl-ekonomija ċirkolari u l-bijoekonomija, bilateralment, reġjonalment u f'fora internazzjonali kif xieraq.

ARTIKOLU 9

Il-Kummerċ u l-Ġestjoni Sostenibbli tar-Riżorsi Bijoloġiċi tal-Baħar u tal-Akkwakultura

1. Il-Partijiet jagħrfu l-importanza tal-konservazzjoni u tal-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar u tal-ekosistemi kif ukoll tal-promozzjoni ta' akkwakultura responsabbli u sostenibbli, u r-rwol tal-kummerċ fl-ilħuq ta' dawn l-objettivi.

2. Il-Partijiet jirrikonoxxu li s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (illegal, unreported and unregulated, IUU) idgħajjef il-konservazzjoni u l-ġestjoni sostenibbli tal-istokkijiet tal-ħut, għandu impatt negattiv fuq l-għajxien tal-komunitajiet tas-sajd u ta' dawk li jinnegozjaw fil-ħut u fil-prodotti tas-sajd. Dan jikkonferma l-ħtieġa għal azzjoni biex jiġi miġġieled u jintemm is-sajd IUU u jiġu indirizzati l-problemi tas-sajd eċċessiv u l-użu mhux sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd.

3. Fid-dawl tal-paragrafi 1 u 2, kull Parti għandha:

(a) timplimenta miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni fit-tul u l-użu sostenibbli tar-riżorsi ħajjin tal-baħar kif definiti fil-Ftehim tan-NU għall-Implimentazzjoni tad-Dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-NU fuq il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 relatati mal-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Stokkijiet ta' Ħut Transżonali u Stokkijiet ta' Ħut li Jpassi Ħafna (Ftehim dwar Stokkijiet ta' Ħut) adottat f'New York, fl-4 ta' Awwissu 1995 u l-Ftehim tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-NU (Food and Agriculture Organization, FAO) għall-Promozzjoni tal-Konformità mal-Miżuri Internazzjonali ta' Konservazzjoni u Ġestjoni minn Bastimenti tas-Sajd fl-Ibħra Miftuħa, adottat f'Ruma, fl-24 ta' Novembru 1993 (Ftehim ta' Konformità), u l-Ftehim tal-FAO dwar Miżuri tal-Istat tal-Port li Jimpedixxu, Jiskoraġġixxu u Jeliminaw is-Sajd Illegali, Mhux Rappurtat u Mhux Regolat magħmul f'Ruma, fit-22 ta' Novembru 2009 (Agreement on Port State Measures to Prevent, Deter and Eliminate Illegal, Unreported and Unregulated Fishing, PSMA);

(b) taġixxi b'mod konsistenti mal-prinċipji tal-UNCLOS, il-Ftehim dwar l-Istokkijiet tal-Ħut, il-Ftehim ta' Konformità, il-Kodiċi ta' Kondotta tal-FAO għal Sajd Responsabbli, adottat bir-Riżoluzzjoni 4/95 tal-31 ta' Ottubru 1995 u l-PSMA, u li tipparteċipa, kif xieraq, fl-inizjattiva tal-FAO dwar ir-Reġistru Globali tal-Bastimenti tas-Sajd, il-Bastimenti tat-Trasport Refriġerati u l-Bastimenti tal-Provvista;

(c) tipparteċipa b'mod attiv fil-ħidma tal-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (Regional Fisheries Management Organisations, RFMOs) li tagħhom huma membri, osservaturi jew partijiet mhux kontraenti li jikkooperaw, bl-għan li jinkisbu governanza tajba tas-sajd u sajd sostenibbli, bħal pereżempju permezz tal-promozzjoni tar-riċerka xjentifika u l-adozzjoni ta' miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni bbażati fuq l-aħjar informazzjoni xjentifika disponibbli, it-tisħiħ tal-mekkaniżmi ta' konformità, it-twettiq ta' rieżamijiet perjodiċi tal-prestazzjoni u l-adozzjoni ta' kontroll, monitoraġġ u infurzar effettivi tal-miżuri ta' ġestjoni tal-RFMOs u, fejn applikabbli, l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' dokumentazzjoni tal-qbid jew skemi ta' ċertifikazzjoni u miżuri tal-istat tal-port;

(d) timplimenta miżuri effettivi għall-ġlieda kontra s-sajd IUU, inklużi miżuri biex jeskludu prodotti IUU mill-flussi kummerċjali, u tikkoopera biex tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni biex tiżgura l-infurzar tat-traċċabbiltà;

(e) tippromwovi l-iżvilupp ta' akkwakultura sostenibbli u responsabbli, filwaqt li tqis l-aspetti ekonomiċi, soċjali u ambjentali tagħha, inkluż fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-objettivi u tal-prinċipji li jinsabu fil-Kodiċi ta' Kondotta tal-FAO għal Sajd Responsabbli.

(f) tippromwovi l-konservazzjoni fit-tul u l-użu sostenibbli tal-ispeċijiet elenkati fis-CITES u l-inklużjoni ta' speċijiet ta' annimali u pjanti akkwatiċi fl-Appendiċijiet tas-CITES fejn l-istatus ta' konservazzjoni ta' dik l-ispeċi jitqies f'riskju minħabba l-kummerċ internazzjonali;

(g) tikkonforma mal-Konvenzjoni dwar l-Ispeċijiet Migratorji tal-Annimali Selvaġġi, magħmula f'Bonn fit-23 ta' Ġunju 1979 (il-Konvenzjoni ta' Bonn) u l-istrumenti taħt dik il-konvenzjoni, għall-konservazzjoni sostenibbli tal-ispeċijiet migratorji, il-ġestjoni tal-qabdiet inċidentali u d-*data* dwar il-ħatt l-art;

4. Il-Partijiet għandhom jaħdmu flimkien biex isaħħu l-kooperazzjoni u l-benefiċċji reċiproċi tagħhom dwar aspetti relatati mal-kummerċ tal-politiki u l-miżuri tas-sajd u tal-akkwakultura, bilateralment, reġjonalment u f'fora internazzjonali, kif xieraq, inkluż fid-WTO, l-RFMOs, l-FAO u taħt strumenti multilaterali oħra f'dan il-qasam, bl-għan li jippromwovu prattiki tas-sajd sostenibbli u l-akkwakultura u l-kummerċ fi prodotti tal-ħut u tal-frott tal-baħar minn sajd u akkwakultura ġestiti b'mod sostenibbli. Il-Partijiet għandhom jaħdmu mill-qrib flimkien u jaċċelleraw l-isforzi tagħhom biex jiksbu l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli Nru 14 tan-NU (il-ħajja taħt l-ilma), li għandu l-għan li jikkonserva u juża b'mod sostenibbli l-oċeani, l-ibħra u r-riżorsi tal-baħar għall-iżvilupp sostenibbli inkluż permezz tal-prevenzjoni u t-tnaqqis sinifikanti tat-tniġġis tal-baħar ta' kull tip, b'mod partikolari minn attivitajiet ibbażati fuq l-art, inkluż l-iskart tal-baħar u t-tniġġis min-nutrijenti, u permezz tal-integrazzjoni tal-konservazzjoni tal-ekosistemi tal-baħar fil-politiki tal-ekonomija blu sostenibbli.

ARTIKOLU 10

Kummerċ u Investiment li Jappoġġaw Żvilupp Sostenibbli

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-kummerċ u l-investiment fi prodotti u servizzi li huma relatati mal-protezzjoni tal-ambjent jew jikkontribwixxu għat-titjib tal-kundizzjonijiet soċjali u li t-trawwim tal-użu ta' skemi ta' sostenibbiltà jew inizjattivi volontarji oħra jista' jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-iżvilupp sostenibbli.

2. Għal dak l-għan, il-Partijiet eliminaw id-dazji doganali fuq prodotti ambjentali li joriġinaw mill-Parti l-oħra skont l-Artikoli 10 u 11 ta' dan il-Ftehim.

3. Barra minn hekk, il-Partijiet impenjaw ruħhom li jikkonkludu negozjati dwar servizzi ambjentali u attivitajiet ta' manifattura skont l-Artikolu 3 ta' dan il-Ftehim.

4. Fid-dawl tal-paragrafu 1, kull Parti għandha tippromwovi u tiffaċilita l-kummerċ u l-investiment f'dawn:

(a) oġġetti u servizzi ambjentali;

(b) oġġetti li jikkontribwixxu għal kundizzjonijiet soċjali mtejbin; kif ukoll

(c) oġġetti soġġetti għal skemi ta' assigurazzjoni tas-sostenibbiltà trasparenti, fattwali u mhux qarrieqa bħal skemi ta' kummerċ ġust u etiku u ekotikketti.

5. Il-promozzjoni u l-faċilitazzjoni tal-kummerċ u l-investiment imsemmijin fil-paragrafu 4 jistgħu jinkludu:

(a) azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni u kampanji ta' informazzjoni u ta' edukazzjoni tal-pubbliku;

(b) l-adozzjoni ta' oqfsa ta' politika li jwasslu għall-varar tal-aħjar teknoloġiji disponibbli;

(c) it-tħeġġiġ tal-adozzjoni ta' skemi ta' sostenibbiltà trasparenti, fattwali u mhux qarrieqa, speċjalment għall-SMEs;

(d) l-indirizzar ta' ostakli mhux tariffarji relatati; kif ukoll

(e) referenza għall-istandards internazzjonali rilevanti, bħall-Konvenzjonijiet tal-ILO u l-linji gwida jew l-MEAs, kif aġġornati perjodikament mill-korpi rilevanti.

6. Il-Partijiet għandhom jaħdmu flimkien sabiex isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom f'aspetti relatati mal-kummerċ ta' kwistjonijiet koperti minn dan l-Artikolu b'mod bilaterali, reġjonali u f'fora internazzjonali u multilaterali, kif ikun xieraq, forst oħrajn permezz tal-iskambju ta' informazzjoni, tal-aħjar prattiki u ta' inizjattivi ta' sensibilizzazzjoni.

## ARTIKOLU 11

### Il-Kummerċ u l-Imġiba Responsabbli fin-Negozju u l-Ġestjoni tal-Katina tal-Provvista

1. Il-Partijiet jagħrfu l-importanza ta' mġiba responsabbli fin-negozju u ta' prattiki ta' responsabbiltà soċjali korporattiva inkluża ġestjoni responsabbli tal-ktajjen tal-provvista u r-rwol tal-kummerċ fl-ilħuq ta' dan l-objettiv.

2. Fid-dawl tal-paragrafu 1, kull Parti għandha:

(a) tippromwovi l-imġiba responsabbli fin-negozju u r-responsabbiltà soċjali korporattiva, inkluża l-ġestjoni responsabbli tal-katina tal-provvista, billi tipprovdi oqfsa ta' politika ta' appoġġ li jinkoraġġixxu l-adozzjoni ta' prattiki rilevanti min-negozji;

(b) tappoġġa l-aderenza, l-implimentazzjoni, is-segwitu u t-tixrid ta' strumenti internazzjonali rilevanti, bħal-Linji Gwida tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (Organisation for Economic Cooperation and Development, OECD) għall-Intrapriżi Multinazzjonali, id-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-ILO dwar il-Prinċipji li jikkonċernaw l-Intrapriżi Multinazzjonali u l-Politika Soċjali, adottata f'Ġinevra f'Novembru 1977 (id-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-ILO dwar il-Prinċipji li jikkonċernaw l-Intrapriżi Multinazzjonali u l-Politika Soċjali), il-Patt Globali tan-NU, u l-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem approvati mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem fir-Riżoluzzjoni tiegħu 17/4 tas-16 ta' Ġunju 2011.

3. Il-Partijiet jagħrfu l-utilità ta' linji gwida internazzjonali speċifiċi għas-settur fl-oqsma tar-responsabbiltà soċjali korporattiva/tal-imġiba responsabbli fin-negozju u għandhom jippromwovu l-ħidma konġunta f'dan ir-rigward. Fir-rigward tal-Linji Gwida tal-OECD dwar id-Diliġenza Dovuta rilevanti rikonoxxuti internazzjonalment għal Ktajjen ta' Provvista Responsabbli tal-Minerali minn Żoni Affettwati mill-Kunflitti u Żoni ta' Riskju Għoli u s-supplimenti tagħhom, il-Partijiet għandhom jimplimentaw ukoll miżuri biex jippromwovu l-adozzjoni ta' tali gwida. Bħala membri tal-Kumitat tal-FAO dwar is-Sigurtà Alimentari Dinjija, il-Partijiet għandhom jippromwovu wkoll sensibilizzazzjoni għall-Prinċipji għal Investiment Responsabbli fis-Sistemi tal-Agrikoltura u tal-Ikel" u l-"Linji Gwida Volontarji dwar il-Governanza Responsabbli tal-Pussess tal-Art, is-Sajd u l-Foresti fil-kuntest tas-Sigurtà Alimentari Nazzjonali.

4. Il-Partijiet għandhom jaħdmu flimkien sabiex isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom f'aspetti relatati mal-kummerċ ta' kwistjonijiet koperti minn dan l-artikolu b'mod bilaterali, reġjonali u f'fora internazzjonali, kif ikun xieraq, inkluż permezz tal-iskambju ta' informazzjoni, tal-aħjar prattiki u ta' inizjattivi ta' sensibilizzazzjoni.

ARTIKOLU 12

Informazzjoni Xjentifika u Teknika

1. Meta tistabbilixxi jew timplimenta miżuri mmirati sabiex iħarsu l-ambjent jew il-kundizzjonijiet tax-xogħol li jistgħu jaffettwaw il-kummerċ jew l-investiment, kull Parti għandha tqis l-informazzjoni xjentifika u teknika disponibbli, l-istandards internazzjonali rilevanti, il-linji gwida jew ir-rakkomandazzjonijiet.

2. Meta jkun hemm nuqqas ta' ċertezza xjentifika sħiħa u jkun hemm theddid ta' ħsara serja jew irriversibbli għall-ambjent jew għas-sikurezza u s-saħħa okkupazzjonali, Parti tista' tadotta miżuri biex tipprevjeni tali ħsara, f'konformità mal-prinċipju ta' prekawzjoni.

ARTIKOLU 13

Trasparenza

1. Kull Parti għandha, bil-ħsieb li tiżgura sensibilizzazzjoni u tipprovdi opportunitajiet raġonevoli għall-persuni interessati u l-partijiet ikkonċernati biex jissottomettu fehmiet, jiżviluppaw, jippromulgaw u jimplimentaw b'mod trasparenti:

(a) miżuri mmirati lejn il-ħarsien tal-ambjent jew il-protezzjoni tal-kundizzjonijiet tax-xogħol li jistgħu jaffettwaw il-kummerċ jew l-investiment; jew

(b) miżuri kummerċjali jew ta' investiment li jistgħu jaffettwaw il-ħarsien tal-ambjent jew il-protezzjoni tal-kundizzjonijiet tax-xogħol,

2. Kull Parti għandha tqis kif xieraq il-komunikazzjonijiet u l-opinjonijiet mill-pubbliku dwar kwistjonijiet relatati ma' dan l-Anness. Hija tista' tinforma, fejn xieraq, lill-gruppi konsultattivi domestiċi stabbiliti skont l-Artikolu 15 ta' dan l-Anness kif ukoll lill-punt ta' kuntatt tal-Parti l-oħra stabbilit f'konformità mal-paragrafu 5 tal-Artikolu 14 dwar tali komunikazzjonijiet u opinjonijiet.

ARTIKOLU 14

Kumitat Speċjali għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli u Punti ta' Kuntatt

1. Il-Partijiet b'dan jistabbilixxu Kumitat Speċjali għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli ("il-Kumitat tat-TSD"), irregolat mill-Parti VI ta' dan il-Ftehim, li għandu:

(a) jiltaqa' darba fis-sena, jew mingħajr dewmien żejjed fuq talba ta' waħda mill-Partijiet,

(b) ikun kopresedut, f'livell xieraq, mir-rappreżentanti tal-Partijiet; kif ukoll

(c) jirrapporta lill-Kunsill tal-FSE.

2. Il-Kumitat tat-TSD għandu:

(a) jiffaċilita, jissorvelja u jirrieżamina l-implimentazzjoni ta' dan l-Anness;

(b) jwettaq il-kompiti msemmijin fl-Artikolu 18 ta' dan l-Anness;

(c) jikkontribwixxi għall-ħidma tal-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja dwar kwistjonijiet koperti minn dan l-Anness, inkluż fir-rigward ta' suġġetti għad-diskussjoni mal-Kumitat Konsultattiv tal-FSE msemmi fl-Artikolu 108 ta' dan il-Ftehim;

(d) jikkunsidra kull kwistjoni oħra relatata ma' dan l-Anness skont kif jaqblu l-Partijiet.

3. Il-Kumitat tat-TSD jista' jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu stess, li fin-nuqqas tagħhom ir-regoli ta' proċedura tal-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja għandhom japplikaw mutatis mutandis.

4. Il-Kumitat tat-TSD għandu jippubblika rapport wara kull laqgħa tiegħu.

5. Mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, kull Parti għandha taħtar punt ta' kuntatt fl-amministrazzjoni tagħha biex jiffaċilita l-komunikazzjoni u l-koordinazzjoni bejn il-Partijiet dwar kull kwistjoni relatata ma' dan l-Anness. Kull Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra bid-dettalji ta' kuntatt tal-punt ta' kuntatt tagħha. Il-Partijiet minnufih għandhom jinnotifikaw lil xulxin dwar kwalunkwe tibdil f'dawk id-dettalji ta' kuntatt.

ARTIKOLU 15

Il-Gruppi Konsultattivi Domestiċi

1. Kull Parti għandha toħloq grupp konsultattiv domestiku ġdid jew taħtar grupp konsultattiv domestiku eżistenti fi żmien sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Il-grupp konsultattiv domestiku għandu jagħti pariri lill-Parti kkonċernata dwar kwistjonijiet koperti minn dan il-Ftehim. Għandu jikkonsisti minn rappreżentanza bilanċjata ta' organizzazzjonijiet indipendenti tas-soċjetà ċivili inklużi organizzazzjonijiet mhux governattivi, organizzazzjonijiet tan-negozju u tal-impjegaturi kif ukoll trade unions attivi fi kwistjonijiet ekonomiċi, tal-iżvilupp sostenibbli, soċjali, tad-drittijiet tal-bniedem, ambjentali u fi kwistjonijiet oħrajn. Il-grupp konsultattiv domestiku jista' jitlaqqa' f'konfigurazzjonijiet differenti sabiex tiġi diskussa l-implimentazzjoni ta' Partijiet u dispożizzjonijiet differenti ta' dan il-Ftehim.

2. Kull Parti għandha tiltaqa' mal-grupp konsultattiv domestiku tagħha tal-anqas darba fis-sena. Kull Parti għandha tikkunsidra l-fehmiet jew ir-rakkomandazzjonijiet sottomessi mill-grupp konsultattiv domestiku tagħha dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim.

3. Sabiex tippromwovi s-sensibilizzazzjoni pubblika tal-gruppi konsultattivi domestiċi, kull Parti għandha tippubblika l-lista tal-organizzazzjonijiet li jipparteċipaw fil-grupp konsultattiv domestiku tagħha kif ukoll il-punt ta' kuntatt għal dak il-grupp.

4. Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-interazzjoni bejn il-gruppi konsultattivi domestiċi rispettivi tagħhom, inkluża l-parteċipazzjoni tagħhom fil-Kumitat Konsultattiv tal-FSE stabbilit skont l-Artikolu 108 ta' dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 16

Evitar u Soluzzjoni ta' Tilwim

1. Il-Partijiet għandhom jagħmlu l-isforzi kollha permezz ta' djalogu, konsultazzjoni, skambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni biex jindirizzaw kull nuqqas ta' qbil dwar l-applikazzjoni ta' dan l-Anness.

2. F'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn il-Partijiet rigward l-applikazzjoni ta' dan l-Anness, il-Partijiet għandhom jirrikorru esklużivament għall-proċeduri għas-soluzzjoni tat-tilwim stabbiliti skont l-Artikolu 17 l-Artikolu 18 ta' dan l-Anness.

ARTIKOLU 17

Konsultazzjonijiet u Medjazzjoni

1. Ħlief meta previst mod ieħor f'dan l-Artikolu, għandhom japplikaw l-Artikoli 110 u 111 ta' dan il-Ftehim.

2. Il-konsultazzjonijiet għandhom isiru fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tal-wasla tat-talba mill-Parti li kontriha jkun sar l-ilment u għandhom jitqiesu konklużi fi żmien disgħin (90) jum minn dik id-data tal-wasla, sakemm il-Partijiet ma jaqblux li jkomplu bil-konsultazzjonijiet.

3. Jekk il-konsultazzjonijiet jikkonċernaw dispożizzjonijiet relatati ma' ftehimiet jew strumenti multilaterali msemmija f'dan l-Anness, il-Partijiet għandhom iqisu l-informazzjoni mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) jew minn organizzazzjonijiet jew korpi rilevanti stabbiliti skont l-MEAs sabiex jippromwovu l-koerenza bejn il-ħidma tal-Partijiet u dik ta' tali organizzazzjonijiet jew korpi. Meta rilevanti, il-Partijiet għandhom ifittxu parir minn tali organizzazzjonijiet jew korpi, jew minn kull espert jew korp ieħor li jqisu xieraq. Kull Parti tista' tfittex ukoll, jekk xieraq, il-fehmiet tal-gruppi konsultattivi domestiċi stabbiliti skont l-Artikolu 15 ta' dan l-Anness jew kull parir espert ieħor.

4. Kull riżoluzzjoni milħuqa mill-Partijiet għandha tkun disponibbli għall-pubbliku.

ARTIKOLU 18

Riżoluzzjoni ta' Tilwim

1. Ħlief meta previst mod ieħor f'dan l-Artikolu, għandhom japplikaw l-Artikoli minn 112 sa 115, l-Artikolu 116(1), (3), (4) u (5), l-Artikoli minn 119 sa 124, l-Artikolu 125(2) u (3), u l-Artikoli 126 u 127 ta' dan il-Ftehim.

2. Il-Kumitat tat-TSD stabbilit skont l-Artikolu 14 ta' dan l-Anness għandu, mhux aktar tard minn sitt (6) xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, jistabbilixxi lista ta' mill-inqas ħmistax-il (15) individwu li huma lesti u kapaċi jservu bħala arbitri għal tilwim skont dan l-Anness. Il-lista għandha tkun tikkonsisti minn tliet sublisti: sublista għal kull Parti li se sservi bħala arbitratur; u sublista ta' individwi li ma jkunux ċittadini tal-ebda waħda mill-Partijiet u li għandhom ikunu disponibbli biex jagħmluha ta' President tat-tribunal tal-arbitraġġ. Kull sublista għandi tinkludi mill-inqas ħames (5) individwi. Il-Kumitat tat-TSD għandu jiżgura li l-lista tinżamm dejjem f'dan il-livell, f'konformità mar-Regoli ta' Proċedura.

3.	L-arbitri għandu jkollhom għarfien speċjalizzat jew għarfien espert fil-liġi tax-xogħol jew ambjentali, kwistjonijiet indirizzati f'dan l-Anness, jew is-soluzzjoni ta' tilwim li jinqala' taħt ftehimiet internazzjonali. Għandhom ikunu indipendenti, iservu fil-kapaċijtiaet individwali tagħhom u ma jieħdu struzzjonijiet minn ebda organizzazzjoni jew gvern, u lanqas ma jkunu affiljati mal-gvern ta' xi waħda mill-Partijiet, u għandhom ikunu konformi mal-kodiċi ta' kondotta annessi mar-regoli ta' proċeduri li jrid jadotta l-Kunsill tal-FSE fi żmien sitt (6) xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim skont l-Artikolu 125(4).

4.	Jekk it-tribunal tal-arbitraġġ ikun magħmul skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 113 ta' dan il-Ftehim, l-arbitri għandhom jintgħażlu mill-individwi rilevanti fuq is-sublisti msemmija fil-paragrafu 2.

5.	Fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-konformità mal-ftehimiet u l-istrumenti multilaterali msemmija f'dan l-Anness, l-informazzjoni jew l-opinjoni esperta mitluba mit-tribunal tal-arbitraġġ skont l-Artikolu 121 jenħtieġ li tinkludi informazzjoni u pariri mill-ILO jew minn korpi jew organizzazzjonijiet rilevanti stabbiliti skont l-MEAs.

6.	Il-Parti li kontriha jkun sar l-ilment għandha mhux aktar tard minn 21 jum wara li tingħata d-deċiżjoni tat-tribunal tal-arbitraġġ tinforma lill-grupp konsultattiv domestiku tagħha stabbilit skont l-Artikolu 15 ta' dan l-Anness bil-miżuri ta' konformità li tkun ħadet jew li biħsiebha tieħu skont l-Artikolu 115(4) ta' dan il-Ftehim.

7.	Il-Kumitat tat-TSD għandu jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' konformità. Il-gruppi konsultattivi domestiċi jistgħu jissottomettu osservazzjonijiet lill-Kumitat tat-TSD f'dan ir-rigward.

________________